MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-5 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 57/2008

**Paul Falzon u J.P. Blocks Limited (C30782)**

**vs**

**Joseph Zahra, Maria Dolores Zahra u Zahra Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Paul Falzon u J.P. Blocks Limited li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Is-socjetà Zahra Limited flimkien ma’ Paul Falzon f’Jannar tas-sena 2003 registraw socjetà bl-isem J.P. Blocks Limited, iz-zewg azzjonisti jkollhom ishma indaqs. L-ghan ewlieni tas-socjetà kien li tipproduci materjal tal-bini.

Is-socjetà J.P. Blocks Limited kellha zewg diretturi Paul Falzon u Joseph Zahra.

Fl-14 ta’ Jannar tas-sena 2003 is-socjetà Zahra Limited tat b’koncessjoni sub-emfitewtika temporanja ghal tletin (30) sena lis-socjetà J.P. Blocks Limited porzjon diviz ta’ barriera fil-limiti tal-Imqabba ta’ kejl ta’ erbat elef (4000) metru kwadru sabiex is-socjetà J.P. Blocks Limited tkun tista’ tipproduci bricks ghal bini.

L-amministrazzjoni tas-socjetà J.P. Blocks Limited, inkluz il-hlas tad-debituri tal-istess socjetà kienet fdata f’idejn Joseph Zahra.

Minghajr awtorizzazzjoni u minghajr il-kunsens tal-istess Paul Falzon, Joseph Zahra fl-24 ta’ Novembru 2004 ipprezenta Form K fir-Registru tal-Kumpanniji li tghid li Paul Falzon irrizenja minn direttur tas-socjetà J.P. Blocks Limited u minfloku gie appuntat André Zahra, iben Joseph Zahra, b’effett minn 22 ta’ Ottubru 2004.

Permezz ta' ittra datata 23 ta' Frar, 2006 mibghuta mill-avukat ta' Joseph Zahra, Paul Falzon gie infurmat illi l-koncessjoni sub-emfitewtika temporanja illi kienet saret fl-14 ta' Jannar, 2003 quddiem in-Nutara Margaret Heywood kienet giet rexxissa fis-16 ta' Jannar, 2006 b'kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Charles Mangion bejn is-socjetà Zahra Ltd fejn ghal Zahra Limited dehret mart Joseph Zahra, Maria Dolores Zahra u ghal J.P. Blocks Limited deher Joseph Zahra u ibnu André Zahra. Dan kollu kien sar ghal insaput ta' Paul Falzon.

Ir-rizultat ta dan l-ingann u agir frawdolenti da parti tal-konjugi Zahra u tas-socjetà taghhom Zahra Limited. J.P. Blocks Limited tul dan iz-zmien kollu ma setatx topera u ghalhekk waqfet milli topera. Il-makkinarju tas-socjetà J.P. Blocks Limited li nxtara minn Paul Falzon ma baqax jintuza u gie abbandunat. Paul Falzon stess ma thallix jidhol fil-fond sabiex jaghmel manutenzjoni tal-makkinarju bl-ghan li jillimita l-hsara.

Paul Falzon digà pprezenta atti gudizzjarji (rikors guramentat numru 178/2006 GV) kontra l-konvenuti sabiex forsi talbiet ohra jigi rexxiss l-att pubbliku datat 16 ta' Jannar, 2006 fuq imsemmi.

Kemm Paul Falzon bhala azzjonista ta' J.P. Blocks Limited kif ukoll l-istess socjetà J.P. Blocks Limited qed isofru danni finanzjarji kbar kemm minhabba l-eghluq tal-istess operat kif wkoll minhabba l-hsara irriparrabbli li qed issir lil makkinarju li gie mixtri sabiex is-socjetà tkun tista' tipproduci bricks.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara li in vista tal-fatti fuq iddikjarati l-konvenuti Joseph u Maria Dolores konjugi Zahra inkluz is-socjetà Zahra Limited bl-agir taghhom abbuziv u frawdolenti ikkagunaw danni finanzjarji fil-konfront ta' Paul Falzon u tas-socjetà J.P. Blocks Limited.

2. Tillikwida d-danni sofferti minn Paul Falzon u J.P. Blocks Limited okkorendo permezz tal-hatra tal-opportun periti legali.

3. Tordna l-konvenuti jhallsu l-ammont hekk likwidat bl-imghax legali mid-data tas-16 ta' Jannar 2006 li fiha waqfet topera s-socjetà attrici sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluz dak tal-Mandat ta' Sekwestru u bl-ingunzjoni tal-istess intimati ghas-subizzjoni li minn issa huwa ngunti.

Rat ir-risposta tal-intimati li in forza taghha gie eccepit illi:

Fl-ewwel lok il-kawza odjerna hija intempestiva u dana stante illi Paul Falzon digà fetah kawza kontra l-intimati u kontra l-istess J.P. Blocks Limited (rikors numru 178/06/GV) li permezz taghha talab illi jigi ordnat illi jigi rexiss u annullat il-kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion tas-16 ta' Jannar 2006, u dana stante illi qed jallegaw illi dan sar b'qerq, in frodi u in pregudizzju tar-rikorrenti, liema kawza ghadha sub gudice.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kawza oderna hija nulla in kwantu jirrigwarda s-socjetà J.P. Blocks Limited u dana stante illi r-rappresentanza guridika u legali tas-socjetà mhijiex legalment kostitwita skond l-istatut tal-istess kumpanija u

ghalhekk J.P. Blocks Limited ma setatx tintavola l-proceduri odjerni.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti ma kkawzaw ebda danni lir-rikorrenti, u l-kuntratt tas-16 ta' Jannar 2006 fl-atti tan-Nutar Charles Mangion sar fl-interess tas-socjetà rikorrenti J.P. Blocks Limited u stante illi s-socjetà rikorrenti J.P. Blocks Limited ma kienitx fi stat sostenibbli kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Qua direttur ta' J.P. Blocks Limited, ir-rikorrenti Paul Falzon kien u ghadu responsabbli ghat-treggija tal-istess socjetà.

Mhux minnu illi s-socjetà rikorrenti ma setatx topera minhabba ragunijiet imputbbli lill-intimati.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost trid issir prova tal-quantum tad-danni illi allegatament gew sofferti mir-rikorrenti.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost u in subsidju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz ebda imghax ma jista' jkun pagabbli stante illi t-talba attrici mhiex likwidata.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet lix-xhieda.

Rat id-dokumenti.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet lid-difensuri.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni mqajjma mill-intimati.

Ikkunsidrat illi permezz tat-tieni eccezzjoni taghhom l-intimati jsostnu li:

> *"Minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kawza oderna hija nulla in kwantu jirrigwarda s-socjetà J.P. Blocks Limited u dana stante illi r-rappresentanza guridika u legali tas-socjetà mhijiex legalment kostitwita skond l-istatut tal-istess kumpanija u ghalhekk J.P. Blocks Limited ma setatx tintavola l-proceduri odjerni."*

Jirrizulta illi l-kawza odjerna giet intavolata minn Paul Falzon f'ismu proprju u ghan-nom ta' J.P. Blocks Limited flimkien ma' Chantel Falzon, meta r-rapprezentanza guridika tas-socjetà kienet vestita fiz-zewg diretturi originali flimkien cioè Paul Falzon u Joseph Zahra.

Issa l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha relatata ma din il-kawza ppronunzjata fit-30 ta' Lulju 2010 kellha dan xi tghid fir-rigward:

*"Fil-verità, iz-zewg formoli li pprezenta l-accountant tal-kumpanija lejn l-ahhar tas-sena 2004, ma jistghux ma jitqiesux foloz ghax l-attur la qatt irrizenja minn direttur (ghalkemm wieghed li hekk jaghmel jekk isir trasferiment tal-ishma tieghu ghal fuq ta' Zahra), u lanqas ma saret xi laqgha li fiha hu gie mnehhi minn direttur b'rizoluzzjoni li tittiehed kif jitlob l-istatut tal-kumpanija."*

Izzid ukoll:

*"Din il-Qorti tiddeplora dan l-agir min-naha tal-konvenuti, u tqis dak kollu li sar mill-konvenuti marbuta mas-suppost rizenja tal-attur bhala direttur u s-suppost hatra ta' Andre` Zerafa bhala direttur minfloku, bhala null u bla effett ghax, fil-verità, dawn l-affarijiet ma sehhewx u r-registrazzjoni ta' dak li suppost sar, izda li fil-verità ma sarx, kien att frawdolenti u ta' hsara ghall-interessi tal-attur. Ghalhekk l-ordni li tat l-ewwel Qorti li effettivament tammonta ghat-thassir tar-registrazzjoni, hi valida u qed tigi konfermata."*

Issa galadarba li r-rizenja ta' Paul Falzon minn direttur ta' J.P. Blocks Limited u l-hatra ta' sostitut tieghu gew dikjarati li ma jiswewx, issir referenza ghall-Art. 7 tal-Memorandum li jipprovdi:

*"Legal and judicial representation shall be vested in any two (2) directors. The first directors vested ith such represetnation are:*

*Joseph Zahra, 'Zahra Ville', Triq l-Arluggar, Luqa – ID 164456M*

*Paul Falzon, 'Holy Family', Triq il-Menqa, Safi – ID 422060M"*

Il-Qorti tirrikonoxxi illi bhala principju, ghandu japplika l-insenjament ta' dawn il-Qrati kif espost fis-sentenza Borg nomine vs Fenech (14 ta' Novembru 2002) fejn il-Qorti rriferiet ghas-sentenza Borg vs Accountant General (16.2.93) fejn gie ritenut illi:

*"Jekk it-tali persuna ghandhiex id-dritt ta' rappresentanza jew le hija kwistjoni li tinteressa lis-socjetà u lis-soci u mhux lit-terzi."*

Dan huwa precizament ix-xenarju tal-kawza odjerna. Il-konvenuti li qeghdin jeccepixxi n-nullità tal-kawza fejn din tirrigwarda s-socjetà huma precizament l-azzjonist (Zahra Limited) u Joseph Zahra, d-direttur li t-tnejn ghandhom kull dritt jikkontestaw l-awtorità li biha qeghda tigi rapprezentata J.P. Blocks Limited.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimati limitatament fejn din tirrigwarda lil J.P. Blocks Limited.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------